**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**-vs-**

**Maria Dolores Balzan, detentrici ta' karta ta' l-identità bin-numru 0506462M**

*Kumpilazzjoni Nru. 74/2022*

Illum: 20 ta' Mejju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata **Maria Dolores Balzan** u ċioè talli:

> Nhar it-30 (tletin) ta' Dicembru 2021, bejn il-ħinijiet ta' l- 10:00am (l-għaxra ta' filgħodu) u l- 11:30am (l-ħdax u nofs ta' filgħodu) ġewwa x-Xgħajra u/jew fi bnadi oħra fil- Gżejjer Maltin:
>
> 1. Bil-ħsieb li tikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ħuha **George Degabriele**, uriet dan il-ħsieb b'atti esterni u tat bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, fejn tali delitt ma ġiex esegwit minħabba xi haġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tagħha;
>
> 2. U iktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-hajja ta' **George Degabriele** f'periklu ċar, volontarjament ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura ħafifa fuq ħuha l-istess **George Degabriele**, hekk kif iċċertifikawh Dr. Monica Camilleri,

MD.3377 miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid u Dr. Nicola Lanfranco, MD.4089 mill- Isptar Mater D.

3. U iktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamlet lil ħuha **George Degabriele** inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali u/jew, jekk kienet ipprovokata ,inġurjat b'mod li ħarġet barra mil-limiti tal-provokazzjoni

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kisret volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Maria Dolores Balzan** a benefiċċju ta' George Degabriele u l-familjari tiegħu u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' Preskovia Agius [*sic*] jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Maria Dolores Balzan** b'obbligazzjoni tagħha nnifisha taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq,

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata ghal ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret illum 20 ta' Mejju, 2024.

Rat l-atti w id-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Illi matul is-seduta tal-lum xehed l-allegata vittma li bil-ġurament tiegħu iddikjara ghal diversi drabi ried iwaqqaf il-proċeduri fil-konfront tal-imputata, li tiġi oħtu. Dan minkejja t-twissijiet ta' din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li tali rinunzja iġġib fejn wissietu li ma setgħet timponi l-ebda trażżin fuq l-imputata kemm il-darba ma jkunx hemm sejbien ta' ħtija.

Rat l-artikolu 545 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi:

**545.** (1) Meta l-azzjoni ma tistax titmexxa ħlief b'talba tal-parti privata, il-kwerelant jista', f'kull żmien sa ma tingħata s-sentenza finali, jirrinunzja għall-kwerela li huwa jkun ġa għamel.

Illi fin-nuqqas tax-xiehda tal-kwerelant l-imputazzjonijiet ma jistgħux jiġu soddisfaċentement ippruvati.

Fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-oħra, ġew ikkunsidrati l-artikoli 543(f) u 633(2) tal-Kodiċi Kriminali. Meqjusa ċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti qed tilqa t-talba tal-kwerelant biex iwaqqaf il-proċeduri kontra l-imputata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti qed tillibera lill-imputata minn kull ħtija w piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**